MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 249/2014

**Rikors Numru: 249/2014 CSH**

**SM (Marketing) Limited (C 41560)**

**vs**

**Anthony Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar l-24 ta' Lulju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' tmint elef, hames mija u sitt ewro (€8,506), ammont dovut rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha w konsenjata lilu fuq ordni tieghu stess, kollox skond kif jidher mill-invoices u statement relattivi gia fil-pussess tieghu, liema statement qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti, u tal-ittra ufficcjali datata 12 ta' Frar 2014 kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-konvenut pprezenta nota ta' ammissjoni fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, hames mija u sitt ewro (€8,506) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur u dan stante ammissjoni tal-konvenut.**

**L-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti, u tal-ittra ufficcjali datata 12 ta' Frar 2014 u l-imghax mid-data tal-Ittra Ufficjali u cioe' mit-12 ta' Frar 2014, a karigu tal-konvenut.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------